RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

* **MINUTI tal-Laqgħa A 26**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Virtu` Itaqa' nhar**
**It-Tlieta 13 ta' Novembru 2012 fis-6.30 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat** Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Lino Pace Bonello | Ċerpersin |
| Il-Profs. Anthony Griscti Soler | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |
| Is-Sra Etienne Stephania Gatt | Membru |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużata:**

| | |
|---|---|
| Is-Sra Cecilia Bonello | Membru |

Il-laqgħa bdiet fis-6.40 pm

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A 25**

1.01 Iċ-Ċerpersin Lino Pace Bonello ppropona li l-minuti tas-seduta numru A 25 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Virtù jittieħdu bħala moqrija. Issekondat din il-proposta s-Sra Stephanie Gatt. Il-minuti ġew approvati. *Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A 25*

**2.00 Korrezzjonijiet tal-Minuti A 25**

2.01 5.01 Instab żball tipografiku fil-kelma privatizzazzjoni. *Korrezzjoni f'minuta nru 5.01*

**3.00 Punti li joħorġu mill-Minuti A 25**

3.01 3.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informat 'il laqgħa li l-*foreman* tal-Korporazzjoni Enemalta reġa' bagħtilna l-istess speċifikazzjonijiet li kien għaddhielna fi Frar. Is-Sur Lino Pace Bonello nforma 'l laqgħa li reġa' mar *on-site* mal-istess *Tneħħija ta' tliet arbli tad-dawl matul Triq il-Buskett*



KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

*Foreman*. Huwa kompla billi qal li reġgħu għamlu *re-assessment* tal-istess affarijiet li kienu diġà ddiskutew tmien xhur qabel. Iċ-Ċerpersin ħareġ bl-idea li ma tintużax l-istess bankina iżda tintuża l-bankina li hemm fuq in-naħa l-oħra tat-triq peress li l-wiċċ tagħha huwa tal-konkos. Huwa spjega li jekk ix-xogħol isir mal-ħajt tas-sorijiet tas-St. Joseph, l-ispiża tkun inqas peress li kulma jkun hemm bżonn hu li jsir hu, li s-servizzi jgħaddu minn trinka f'nofs it-triq. Jekk ix-xogħol ikollu jgħaddi minn taħt il-bankina tan-naħa ta' Villa Messina, l-ispiża tkun akbar peress li l-wajers tad-dawl ikunu jridu jgħaddu minn taħt is-servizzi tal-Melita. Għaldaqstant ġie deċiż li ssir laqgħa ta' kordinazzjoni *on-site* bejn il-Korporazzjoni Enemalta flimkien mar-rappreżentanti tal-Melita plc, Go plc u l-perit tal-Kunsill. Il-kumitat qabel.

** Il-Profs. Griscti Soler ħareġ mil-laqgħa fis-6.55 p.m.

3.02 3.02 Is-Sur Lino Pace Bonello staqsa 'l laqgħa għal liema raġuni t-13254.83 ewro bilanċ li kien fadal ma ntużawx biex tkompliet biċċa oħra ma' din l-istess bankina. — Progress dwar il-bankina fi Triq F. Azopardi

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li l-Kumitat Amminsitrattiv seta' uża sa massimu ta' 40,000 ewro għaż-żewġ skemi però din il-bankina ġiet tiswa anqas. Il-proġetti li kellhom ippjanati fil-fatt saru kollha.

3.03 3.04 Is-Segretarju Eżekuttiv informat 'il laqgħa li ntbagħtet ittra lid-Dipartiment tal-Artijiet kif ukoll lis-Sanità dwar din il-materja, iżda li konna għadna ma rċevejna l-ebda risposta. — Żbir tas-siġar ta' taħt il-*belvedere*

3.04 3.05 Is-Sur Lino Pace Bonello saħaq li hemm bżonn li jittieħdu miżuri biex titnaqqas il-veloċità tas-sewqan fi Triq Godwin Ganado, fi Triq tal-Virtù u fi Triq Carlo Fiamingo peress li qed ikun hemm sewqan eċċessiv. — *Traffic Calmer* fi Triq C Fiamingo

Huwa kompla billi ppreżenta *site plan* li juri l-arranġament tat-*traffic clamers* li hemm preżenti fi Triq Robert Samut u Triq Godwin Ganado.

Ma' dawn inkluda wkoll tlieta oħra li huma proposti li jiżdiedu. Dawn ser ikunu *road hump* tat-*tarmac* fi Triq Carlo Fiamingo, *cushions* fi Triq Godwin Ganado u *rubber road hump* fi Triq tal-Virtù. Dawn kollha huma konformi mal-i*standards* ta' Transport Malta.

3.06 5.04 Is-Sur Lino Pace Bonello u s-Sur Christopher Farrugia għandhom jippreżentaw il-proposti tagħhom fil-laqgħa li jmiss. — Tabelli tal-ħmieġ tal-klieb

**4.00** **Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informat 'l laqgħa li l-Kunsill ser jorganizza ikla tal-Milied għall-Kunsilliera, membri tal-Kumitati Amministrattivi u l-istaff (mingħajr *partners*) nhar il-Ħamis 20 ta' Diċembru 2012 filgħaxija ġewwa l-Intercontinental Hotel, f'San Ġiljan. Ikla tal-Milied

**5.00** **Komunikazzjoni mill-membri**

5.01 Is-Sur Christopher Farrugia ppropona li tiġi mżejna s-siġra li hemm fis-*soft area* fi Triq Carlo Fiamingo għal żmien il-festi tal-Milied. Il-Kumitat qabel. Tiżjin tas-siġra fi Triq Carlo Fiamingo

**6.00** **Estensjoni tal-bankina fi Triq il-Buskett**

6.01 Is-Sur Lino Pace Bonello nforma l-laqgħa li ġie avviċinat minn xi residenti sabiex tiġi estiża l-bankina li hemm fi Triq il-Buskett man-naħa tas-St. Joseph. Saret diskussjoni dwar l-estensjoni ta' din il-bankina. Is-Sur Lino Pace Bonello talab biex kif ikun hemm il-perit *on-site* meta ssir il-laqgħa ta' kordinazzjoni, jagħmel diżinn sabiex isir *re-alignment* tat-triq billi tiddejjaq il-bankina tan-naħa ta' Villa Messina u titwessa' l-bankina tan-naħa tas-St. Joseph peress li n-naħa tas-St. Joseph hemm biċċa bankina żgħira u dejqa u hemm *bus stop* ukoll li jinsab perikoluż peress li qiegħed mal-parti ta' fejn tispiċċa l-bankina. Estensjoni tal-bankina fi Triq il-Buskett

Is-Segretarju Eżekuttiv informat 'l laqgħa li wara li jitlesta dan id-diżinn, xorta waħda nkunu rridu napplikaw mat-Transport Malta sabiex jinħareġ il-permess qabel ma jsir xi xogħol ta' *re-alignment* ta' Triq il-Buskett. Il-kumitat qabel.

**7.00** **Aġġornament**

7.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-11 ta' Diċembru 2012 fis-6.30 p.m. Aġġornament

7.02 Il-laqgħa ntemmet fit-7.55 pm

**Lino Pace Bonello**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**